II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/956

tas-26 ta' Ġunju 2020

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha parzjalment jew kollha kemm hi, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM indikati fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Jixraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Philip KERMODE
Aġent Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Oġġetti forma ta' kubu magħmul minn liga tal-aluminju b'dimensjonijiet ta' madwar 370 × 194 × 42 mm. Fuq naħa waħda għandu paletti tat-tkessiħ u żewġ konnessjonijiet, bokka u żbokk, biex jitkessaħ il-likwidu. L-oġġett huwa mfassal biex jitqiegħed fis-sistema tat-tkessiħ tal-magna (fl-hekk imsejjaħ ċirkwit ta' tkessiħ qasir) taħt id-daxxbord tal-vetturi bil-mutur tal-Intestaturi 8701 sa 8705 b'magni bil-pistuni b'kombustjoni interna. L-oġġett jittrasferixxi s-sħana assorbita mil-likwidu tat-tkessiħ (li ġej mill-magna tal-vettura) fl-arja. L-arja msaħħna mbagħad tiġi trasferita fil-kabina ta' ġewwa tal-vettura permezz ta' apparati addizzjonali li mhumiex inklużi mal-preżentazzjoni. L-oġġett jippermetti wkoll lill-magna tilħaq it-temperatura operattiva ottimali tagħha fil-fażi tat-tisħin.	8708 91 35	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 2(e) tat-Taqsima XVII, in-Nota 3 tat-Taqsima XVII u mit-test tal-kodiċijiet NM 8708, 8708 91 u 8708 91 35. Il-klassifikazzjoni taħt is-Subintestatura 8419 50 bħala unità ta' trasferiment ta' sħana hija eskluża minħabba li, abbażi tal-karatteristiki objettivi tiegħu, peress li jittrasferixxi s-sħana assorbita mil-likwidu tat-tkessiħ fl-arja, l-oġġett iwettaq il-funzjoni ta' radjatur għall-oġġetti tat-Taqsima XVII (ara n-Nota 1(l) tat-Taqsima XVI, in-Nota 2(e) tat-Taqsima XVII u n-Nota 1(g) tal-Kapitolu 84). Il-klassifikazzjoni taħt is-Subintestatura 8708 29 bħala partijiet u aċċessorji oħrajn tal-karozzeriji (bħala tisħin mhux elettriku u apparat għat-tneħħija tas-silġ li juża s-sħana prodotta mill-magna tal-vettura kif imsemmi fin-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-Intestatura 8708 (B)) hija eskluża minħabba li l-oġġett mhuwiex qed juża s-sħana direttament għat-tisħin jew għat-tneħħija tas-silġ iżda sempliċement jittrasferixxi s-sħana assorbita mil-likwidu tat-tkessiħ fl-arja. Għalhekk dan l-oġġett irid jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 8708 91 35 bħala radjaturi għall-vetturi bil-mutur tal-Intestaturi 8701 sa 8705.